Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,074, 21 ta' Diċembru, 1982
Taqisma B

A.L. 72 ta' l-1982

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-21 ta' Diċembru, 1982.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Millieri, Ħal Għaxaq, li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 28 tal-kejl ta' madwar 5,068 metru kwadru li tmiss mill-Grigal, minn Nofs in-Nhar, mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Luqa (fejn l-Airport Hotel):

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 1 sa 27 tal-kejl ta' madwar 5,238 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lbiċ u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 28 sa 52 tal-kejl ta' madwar 4,704 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral, minn Nofs in-Nhar, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 53 sa 74 tal-kejl ta' madwar 4,039 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mix-Xlokk, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 75 sa 80 tal-kejl ta' madwar 1,343 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbiċ, mill-Grigal u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 81 sa 88 tal-kejl ta' madwar 1,937 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral, mix-Xlokk, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Warda, il-Qrendi:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 84 sa 87 tal-kejl ta' madwar 766 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 88 sa 94 tal-kejl ta' madwar 1,581 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) *Flat* numru 4, Blokk F 5, Entratura A, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Mosta.

(e) Id-djar li ġejjin fir-Rabat, Malta:

(i) Id-dar numru 32, Triq Doni, ir-Rabat, Malta;

(ii) *Flat* numru 5, Blokk J, Bieb 1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Għajn Qajjet, ir-Rabat, Malta.

(f) Id-dar numru 40, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, is-Siġġiewi.

(ġ) Id-dar numru 37, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(ħ) Id-djar numri 25, 53, 69 u 135, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, iż-Żurrieq.